KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 44** **Tlieta 5 ta' April 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Romilda B. Zarb – Sindku
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI:**
Mario Victor Camilleri – Kunsillier

**MISTIEDEN:**
Daniel Galea – Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Il-Viċi Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tas-Sindku u l-Kunsillier Farrugia. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 43**
**REF: 37.4.12 Triq il-Kbira (Main Street)**

Il-Viċi Sindku ta' *update* ta' kif qed jitkompla x-xogħol inkluż kif ser jgħaddu uħud mil-*culverts,* pajpijiet u livelli, kif wkoll kif ser jiġi devjat it-traffiku meta IM jaslu bix-xogħol lejn triq il-Kostituzzjoni. Il-Viċi nforma li bħala *target date* ix-xogħolijiet sa Cauchi għandhom jitlestew sa l-aħħar ta' Mejju 2022.

**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-sistema tal-PABX hija lesta, u fakkret lil-Kunsilliera li ntbagħtet imejl bil-linja l-ġodda.

Fis 6:34pm daħlet għal laqgħa l-Kunsilliera Bonnici.

**REF: 37.4.8 PAMA**
Il-Viċi Sindku nforma li fit-3 ta' Marzu saret laqgħa mal-PAMA, fejn ġew mitluba li ma jistax jkun li nibqgħu b'dan id-dewmien kollu u nibqgħu niġru wara l-PAMA. Il-Kunsilliera Cassar nforma li l-PAMA fadallu 250,000 Ewro x'jonfoq fil-Mosta, u l-Kunsill ilmenta ma l-*istakeholders* tal-PAMA li ma jistgħax jkun li sentejn ilu talbuna nagħmlu test tas-saqaf, il-Kunsill għamlu imbagħad sentejn wara l-PAMA qed jerġgħu jitolbu biex jsir test ieħor, sempliċiment għax il-PAMA mhux komdu bir-riżultat tat-test, liema test ma nstab xejn ħażin fis-saqaf, imma l-PAMA infurmaw li jridu jagħmlu t-testijiet min taħt is-saqaf wkoll.

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Viċi Sindku nforma, li l-PAMA m'aċċettawx li nkompli bil-Perit tal-Kunsill u l-anqas li l-ammont jingħata fi flus biex il-Kunsill jkun jista' jkompli biex xogħolijiet u jlesti l-ġnien ta' Mliet mingħajr ma nkomplu niddependu mil-PAMA, imma dawn m'aċċettawx lanqas.

Għalhekk il-Perit tal-PAMA Charles Buhagiar, ta' lil-Viċi Sindku numru tal-kuntrattur biex jsir appuntament u jiltaqgħu fuq il-post. Però il-Viċi għalkemm ċempel bosta drabi lil kuntrattur, dan qatt ma jirrispondi, ħlief darba u qallu li ħa jkellmu lura imma l-kuntrattur qatt ma ċempel lura. F'dan il-ħin il-Viċi ċempel lil Perit tal-PAMA lis-Sur Charles Buhagiar u insista miegħu li ma jistax jkun xahar wara mil laqgħa rġajna ma wasalna mkien, u talab lil-Perit Buhagiar biex jsir l-appuntament u jkellem lil-kuntrattur.

Il-Membri preżenti unanimament qablu li jekk sa nhar it-tnejn 11 t'April ma jkollniex risposta, mmorru arbitraġġ u jiddeċiedi l-arbitru fuq dan il-każ, u jinħareġ *statement* pubbliku.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Il-Viċi Sindku nforma li triq Durumblat lesta, u qed jduru *snag list* ta' xogħolijiet li fadal, u l-*expropriation.* Dwar parkeġġ qed jipparkjaw bosta fil-*weekends,* fejn il-LESA ġew mitlubin jagħmlu *spot checks* għal-min jipparkja b'mod illegali.

Rigward parkeġġ quddiem iċ-ċimiterju, l-Viċi nforma li tkellem mal-Perit Conti ta' IM, peress li hemm vann tal-fjuri dejjem ipparkjat l-istess post. Ġie ssuġġeriet li jsiru linji sofor, imma mbagħad l-anqas dawk li jagħtu servizz tad-dfin ma jkunux jistgħu jipparkjaw, għalhekk kien ssuġġeriet li jsiru tabelli bil-ħin, '*60 minutes no return within 1 hour'*. Ovvjament wieħed jista' jdawwar l-arloġġ, imma jekk il-*wardens* jagħmlu *spot checks*, dawn ħa jindunaw min baqa' hemm.

Il-membri preżenti unanimament qablu li jiġu ordnati t-tabelli.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report u Miżura 4.3 EAFRD**
Il-Viċi Sindku nforma li l-Inġinier baqa' ma bagħatx ir-rapport u l-anqas il-kwotazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex terġa tibgħat lil Inġinier.

**REF: 40.3.8 Kommunikazzjoni – Applikazzjoni biex jinħareġ permess għal impjieg skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed nistennew il-lista *part* 1 mil-JobsPlus, u applikazzjonijiet min applikanti li huma nteressati jibdew japplikaw.

**REF: 40.5.3 - Update -Ingaġġ ta' Executive Officer fi Skala 13**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna l-lista *part* 2 mil-JobsPlus, u għalhekk qed nistennew li jibdew deħlin l-applikazzjonijiet, u dawk interessati jistgħu japplikaw sal-11 t'April.

Fis 7:05pm daħlet għal laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

**REF: 42.3.7 Kommunikazzjoni- Skema Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din għanda ċans sal 25 t'April biex napplikaw, u għadna qed nistennew il CAD (*computer-aided design) plan,* tal-*playing field* ġnien Reggie Cilia.

**REF: 42.4.2 – Targa Gap**
Il-Kunsillier Cassar nforma li t-*traffic management committee* ser jiltaqa' l-ħamis dwar it-tibdiliet.

**REF: 42.4.3 – Qalbiena Mostin**
Il-Kunsillier Cassar nforma li t-*traffic management committee* ser jiltaqa' l-Ħamis dwar l-implimentazzjoni tal-*junction*.

**REF: 43.3.4 Kommunikazzjoni- Quotation for Hard stone kerb**
Il-Viċi Sindku nforma li xi residenti talbu jekk il-*cables* ta' l-elettriku nistgħux jingħaddu min ġo *culvert* biex jiġu taħt l-bankina.

Saret diskussjoni li biex il-Kunsill jgħaddi l-*cables* ta' l-elettriku min taħt il-bankina hija spiża kbira, u l-Kunsillier Cassar ir-rimarka li rridu naraw hiex prattika apparti li l-Mqabba għamluha u għadhom problemi kbar.

Il-membri preżenti qablu biex għalissa nġiebu kwotazzjoni. Il-Viċi Sindku ħa nota biex jistaqsi għal-kwotazzjoni.

**REF: 43.3.5 Kommunikazzjoni - Proposta biex Sqaq Grech Mifsud jiġi sqaq pedonali**
Il-Kunsilliera Cassar staqsa f'hiex wasal bħala xogħolijiet il-kuntrattur Elles Urban Services, għax beda Sqaq San Anton Abbati, imma waqaf. Il-Viċi nforma li kif jlesti sqaq San Anton Abbati, imbagħad jibda sqaq Xorxa, għax triq il-Parroċċa lesta. Il-Kunsillier Cassar nforma li mportanti li l-ewwel jlesti triq imbagħad jibda oħra.
Il-Viċi waqt il-laqgħa ċempel lil kuntrattur u nfurmaħ li ser jkompli nhar it-tnejn.

Rigward sqaq Grech Mifsud, il-Kunsilliera staqsiet jekk rċevejniex kwotazzjoni biex jsir tal-qawwi, biex jekk ħa jkun għali għalissa jsiru l-*bollards.* Il-Viċi Sindku ħa nota biex jitlob kwotazzjoni lil Infrastructure Malta.

**REF: 43.3.8 Kommunikazzjoni- Vjal Ragusa u triq tal-Pont**

Il-Viċi Sindku nforma li Infrastructure Malta bdew ix-xogħolijiet min triq Difiża Ċivili, u triq ir-Rebbiegħa bdew ix-xogħolijiet wkoll. Triq ir-Rebbiegħa għalissa mhux ser tinfetaħ għax l-ewwel jrid jsir l-esproprjazzjoni.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 43.

Saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu t-tender *items* 44.5.2, 44.5.3, 44.5.4, 44.5.5

**44.3 Kommunikazzjoni u Korrispondenza mil-Viċi Sindku**

**44.3.1 Kommunikazzjoni – Ġibjun PAMA**

Il-Viċi Sindku nforma li fejn hemm il-ġibjun tal-PAMA hemm proposta mil-istorm water unit, biex l-*overflow* tal-ġibjun jaħdem aħjar u biex t'issolva l-problema ta' l-ilmijiet ta' triq it-Trinċetta. Il-Viċi Sindku żied jgħid li hemm applikazzjoni mil-Awtorità ta' l-Ippjanar biex il-mina ta' taħt l-art li tasal quddiem Kinds biex tkompli sa fejn hemm is-Subaru. Dan huwa proġett ta' madwar 2 miljuni, u t'issolva l-problema ta' l-għarar tal-Housing Estate.

**44.3.2 Kommunikazzjoni – Wied il-Qliegħa, Vjal Ragusa u Pjazza**

Il-Viċi Sindku nforma li tkellem ma Adrian is-CEO tal-Parks fejn Wied il-Qlejgha applikaw għal-permess ta' l-Era u ovvjament ħa jibdew meta l-istaġun jkun xott biex jeqirdu speċi invażiva.

Rigward iz-zona li tnaddfet reċentement fi Vjal Ragusa, ser jsir disinn mill-ġdid, għamlu *land survey* u ser jipprovduh lil-Kunsill biex jiddiskuti l-proposta li ser jagħmlu l-Parks.

Il-Viċi Sindku nforma wkoll li talab lis-CEO tal-Parks biex jsir *landscaping plan* fil-Pjazza.

**44.3.3 Kommunikazzjoni – Fire Alarm HC/Local Council Building**

Il-Kunsillier Cassar nforma li tkellem mal-*health and safety officer* tal-Primary Health fejn qed jitolbu li jkollna *fire alarm* li tkun mqabbda mal-blokka kollha taċ-ċentru ċiviku, biex jekk jkun hemm nar f'sular partikolari, l-*alarm* tinstema fuq is-sulari kollha. Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li l-Kunsill jkollu s-sistema tiegħu bħala *stand alone*, liema sistema ta' *alarm* tkun mqabbda mal-klinika, librerija u l-għassa.
Il-Kunsilliera qablu biex nġiebu kwotazzjoni ta-sistema ta' *fire alarm.*

**44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-byelaw tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta ġiet ċċirkulata għal-*feedback* tal-Kunsilliera, però għalissa ma nistgħux inressquha għal-approvazzjoni tad-DLG. Ir-raġuni hija li wara li ressaqna il-byelaw dwar il-ġonna l-oħra, l-Avukata tad-DLG infurmatna li ma tistax tiġi approvata għax il-ġonna mhux devoluti lil-Kunsill.

**44.3.5 Kommunikazzjoni-Libertas Malta Mosta Road Race**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tressqet talba għal-permess/*no objection* biex jsir it-tellieqa li ssir kull sena il-Libertas Malta Mosta Road Race.
Il-membri approvaw biex jinħareġ il-permess bħas-snin ta' qabel, inkluż jekk jitolbu *sponsorship* ta' trofej.

**44.3.6 Kommunikazzjoni- Lighting at Mosta Bridge**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ngħatajna kwotazzjoni ta' €400,000, il-Kunsill kien talab biex inaqqsu l-ispiża billi niffukaw fuq il parti ta' fuq tal-pont, apparti li ma nistgħux nagħmlu dawl taħt il-pont minħabba l-ekosistema. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna proposta ġdida li kienet ntbagħtet lil-Kunsilliera fejn il-proposta tiffoka fuq il-parti ta' fuq tal-pont kif kien talab l-Kunsill, u li issa din il-kwotazzjoni niżlet għal €110,000.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu biex nitolbu lil-Inġiniera Galea Curmi jagħmlu preżentazzjoni tal-proposta fil-laqgħa li jmiss.

**44.3.7 Kommunikazzjoni- Servizz b'xejn għal laptop u komputer**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna proposta biex nġeddu l-*agreement* ma The Notebook Centre fejn qed jerġgħu joffru servizz billi jibgħatu vawċer lil-kul resident f'kull dar. Dan il-vawċer jikkonsisti f'*general service* tal-kompjuter tagħhom, *formatting, cleaning, virus removal* u *free anti-virus software.* Dan is-servizz qed jingħata b'xejn għal-darba, lil-kull Mosti meta jieħu l-karta ta' l-identità. Il-prezz huwa l-istess bħas-sena l-oħra ta' €4,995 eskluż il-VAT, u validu għal-sena min meta jiġi iffirmat l-MOU.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtna talba lil-żewġ kumpaniji oħra biex jipprovdu kwotazzjoni għal l-istess servizz imma baqgħu ma rrispondewx.

Il-membri preżenti unanimament approvaw, biex nerġgħu noffru dan is-servizz lir-residenti Mostin.

Fit 8:05pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu *item* 44.5.6 Quarterly Report Management Accounts.

**44.3.8 Kommunikazzjoni – Timed Parking**

Il-Viċi Sindku nforma li meta ltaqa ma Infrastructure Malta, mal-Perit Conti u s-Sur Thomas, tkellem magħhom fuq *timed parking* li milli jidher bħala Kunsill din tista' ssir, huwa r-*residential parking* li huwa mwaqqaf min kullimkien u ma jistax jsir. Għalhekk il-Viċi Sindku nforma li t-*timed parking* li dejjem talbuna n-negozji, nistgħu napplikaw għalija. Issa jekk tkunx *45 min no return*, jew *60 min no return*, din trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee.*

**44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**44.4.1 Zebra Crossing**

Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk hux possibbli ssir *zebra crossing* fi triq Ponsomby. Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li titla *traffic management committee.*

**44.4.2 Ġbir ta' skart ħġieġ**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li bil-*legal notice* l-ġdida, l-ħġieġ kellu jibda jinġabar kull l-ewwel Tlieta tax-xahar u t-tielet Tlieta tax-xahar, għalhekk jekk ħa nibdew f'Mejju jrid jintbagħat *flyer* lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li draft tal-*flyer* lest, imma qed tistenna konferma mil-kuntrattur Northern Cleaning, għax jridu jitkellmu mal-GreenPak.

**44.4.3 Ġbir ta' skart qabel it-8:00am**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li waslilha tgergir min residenti, li t-trakk ta' lis-skammel qed jgħaddi qabel it-8:00am, u mhux vera li jerġa jgħaddi wara. Dan qed jiġri fiz-zona ta' l-iskola Santa Monica.

**44.4.4 Charging Pillars**
Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk jistgħux jsiru *charging pillars* fejn l-Iceland u l-Bidnija.

**44.4.5 Inxier min-Galleriji**
Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk wieħed jistgħux jonxor ħwejjeġ min gallariji. Uħud mil-membri kkonfermaw li mhux suppost, però idealment wieħed biex jkun ċert għandu jsaqsi l-Għassa.

**44.4.6 Twinning Millbrae**
Il-Kunsillier Deguara nforma li kien f'kuntatt mal-Konslu ta' San Francisco, fejn hemm wkoll *sister city* jisimgħa Ramallah tal-Palestina. Jixtiequ li ssir ċelebrazzjoni waħda bejn Millbrae, Mosta u Ramallah biex kulħadd jħawwel siġra fl-istess ħin fejn dan it-tħawwil jsir via *video conferencing.* Il-Kunsillier Deguara nforma li malli jkollu aktar dettalji jaqsamhom mal-membri.

**44.4.7 Bollards quddiem ir-Rotunda.**
Il-Kunsilliera Bonnici fakkret li nhar il-Ħadd, il-Ġimgħa u l-Ħadd ta' wara jridu jinqalgħu l-*bollards* li hemm quddiem il-knisja minħabba l-ħruġ tal-vari.

**44.4.8 Ħlasijiet ta' servizz provdut min NGO's Mostin.**
Il-Kunsillier Cassar nforma li fiż-żmien il-Covid għaddiet liġi li l-Pulizija trid titħallas għal-xogħol li titqabbad tagħmel *extra* fejn jidħlu attivitajiet. Jidher li wara l-Ministru ċċara li jekk tkun *church service* il-Pulizija ma titħallasx. Però fejn jidħlu NGO's ma jistgħux japplikaw mal-Pulizija, iżda jridu japplikaw ma Transport Malta u/jew LESA.

Il-ħlas mhux b'xejn u l-ewwel attività li ħa ssir mis-Scouts u l-*Guides* hija l-parata ta' l-Għid, fejn l-ewwel kwotazzjoni kienet ta' €350. Il-Kunsillier Cassar kompla jispjega lil-membri preżenti dwar il-ħinijiet u l-ħlas li ġie mitlub mil-LESA, fejn wara skont u żball li kien hemm, il-kwotazzjoni niżlet għal €213.

Il-Kunsillier Cassar nforma lil membri preżenti li lis-Scouts jagħtu servizz fil-komunità, fejn għal-parata ta' l-Għid dawn ma jdaħħlux flus, u ser jispiċċaw jħallsu €213 talli jagħtu servizz, għalhekk dawn hemm bżonn li jibdew jitħallsu mil-Kunsill, meta qed jiġi mitlub servizz mil-Kunsill, bħal tal-Qalbiena Mostin.

Saret diskussjoni fejn ma nistgħux noħolqu preċedenti, u rridu ninkludu NGO's Mostin, għax ma tistax tgħin għaqda waħda u ma tgħinx għaqdiet Mostin oħrajn. Il-membri preżenti unanimament qablu li għas-sena 2022 jkun hemm *capping* ta' €250 għal din is-sena biss lil-NGO's Mostin, għal meta jkun hemm bżonn li joffru servizz ġewwa l-Mosta, diment l-NGO's ma jkunux ser jaqilgħu ħlasijiet għas-servizz li jkunu ser joffru. Kull talba għal ħlas ta' servizz trid tiġi evalwata u approvata mil-membri tal-Kunsill.

**44.4.9 Patching triq il-Bażilika**
Il-Kunsillier Cassar nforma li triq il-Bażilika daħna u hemm bżonn *major patching* min Lord Nelson sa l-istatwa ta' San Ġuzepp. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex ssir *works order.*

**44.4.10 Żbir ta' Siġar minħabba l-Purċissjoni.**
Il-Kunsillier Cassar nforma li fi triq il-Ġnejna u triq l-Mitħna, hemm siġar li jaqsmu t-toroq u l-Kunsill ma jistax jiżbor għax huma proprjetajiet privati, u minħabba li dawn is-siġar jagħtu għat-triq, l-purċissjoni ma tkunx tista' tgħaddi. Il-Kunsillier Cassar ser jibgħat l-indirizz lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat ittri lir-residenti biex jiżbru s-siġar.

**44.4.11 Claims Committee**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-kumitat tal-*claims* ltaqa u evalwaw l-*claims* kollha però fadal li jsir ir-rapport. Il-Kunsillier Cassar nforma li kien hemm każ ta' tabella li waqet fuq karozza, u l-Kunsill konxju li għanda l-*insurance,* għalhekk staqsa jekk l-*insurance* tal-Kunsill tkopriex din il-*claim* li hija ta' madwar €700. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jekk tiftakar sew il-*claim fee* hija ta' madwar €500, u għalhekk jaqbel li tiddaħħal l-*insurance.*
Saret diskussjoni fejn ser jiġi diskuss waqt *traffic management committee,* jekk għandux jkun hemm *capping* tal-*claims* li qed jsiru.

**44.4.12 Laqgħa Pubblika**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li trid issir il-laqgħa pubblika lejn nofs April, fejn il-Kunsilliera jridu jħejju ir-rapporti amministrattivi relatati mad-dekasteri tagħhom. Il-membri preżenti talbu li tiġi posposta il-laqgħa pubblika, u ssir taħt is-Sindku l-ġdid.

**44.5 Rapporti**

**44.5.1 Update - Development Funds as at 5.4.2022**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa. Il-Kunsillier Cassar talab *update* ta' kemm qiegħed il-fond.

**44.5.2 Re-Issuing of Tender - KLMT 01-2022 - Provision for a Services of a Maintenance Hand / Messenger for the Mosta Local Council**
Il-Kunsilliera preżenti nformaw li t-tender dokument KLMT 01-2022 - Provision for a Services of a Maintenance Hand / Messenger for the Mosta Local Council, għad jrid jiġi studjat id-dokument.

**44.5.3 New Tender – KLMT 02-2022- Provision of Security Services**
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tender dokument KLMT 02-2022- Provision of Security Services biex jiġi ppublikat id-dokument.

**44.5.4 New Tender – Re-Issuing of Tender -KLMT 03-2022- Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tender dokument KLMT 03-2022- Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council biex jiġi ppublikat id-dokument.

**44.5.5 New Tender – KLMT 04-2022 Removal of old Electrical bollards and installation of new Electrical bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tender dokument KLMT 04-2022 Removal of old Electrical bollards and installation of new Electrical bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta biex jiġi ppublikat id-dokument.

**44.5.6 Quarterly Report Management Accounts**
L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ppreżenta l-*quarterly report management accounts* fejn għadhom m'humiex lesti għal-*audited financial statements*, imma qed jiġu preżentati minħabba li rridu nipprovdu dokumentazzjoni għal miżura 4.3.

L-accountant nforma li qegħdin fl-aħħar fażi biex nikkonkludi l-*financial statments* għal-*audit*, fejn fadal xi dokumentazzjoni mingħand il-Perit tal-Kunsill, u tal-kuntrattur fejn il-Perit għad jrid jiċċertifika xi xogħolijiet.

It-total ta' dħul tal-Kunsill fl-2021 kien ta' €1,650,996, fejn €1,423,616 hija l-allokazzjoni mil-Gvern Ċentrali, u dħul ieħor ta' €227,380 min *bye-laws* u affarijiet oħra. Bħala spejjez it-total kien ta' €1,563,463, fejn €310,727 huma pagi, €1,013,141 *operations and maintenance*, €58,112 amministrazzjoni, u €181,484 hija *depreciation.* Għalhekk b'dawn in-numri jidher li l-Kunsill ħa jkun qed jispiċċa s-sena b'*surplus* ta' natura rikorrenti €87,532.

Is-Sur Galea żied jgħid li jekk wieħed jara sitwazzjoni akkumulata qegħdin *b'accumulated surplus* ta' €706,931 li huwa ekwivalenti għal-FSI ta' 50%.

Il-membri preżenti unanimament approvaw Quarterly Report Management Accounts.

**44.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**44.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 126.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 24 ta' Frar 2022 sal-5 ta'April 2022.

**44.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**44.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**44.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri xahar ta' Frar 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**44.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 3 ta' Mejju 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 5 ta' April 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Viċi-Sindku | Segretarju Eżekuttiv |